

# L-ewwel dokumentazzjoni fuq Ta' Kerċem

## L-Ewwel Parti - Il-Lunzjata tas-Saqqajja

**Horatio Caesar Roger Vella***

F'din is-serje ta' artikli sejrin naraw x'kien il-bidu tal-kult Nisrani fl-inħawi ta' Kerċem. Dan il-bidu jeħodna fil-Medjuevu, fejn tissemma l-Knisja tat-Tħabbira lil Marija Santissima fil-wied li jissejjaħ "Is-Saqqajja". L-għelieqi ta' madwar kienu tar-Re ta' Sqallija, u biex ir-Rettur ta' dik il-knisja jkollu biex jgħix, inħoloq benefiċċju li minnu gawdew ir-Retturi tal-passat. Dan il-benefiċċju kien ġej mill-frott li kienet tagħti l-art ta' madwar dik il-Knisja, u kien prestiġjuż għaliex kien benefiċċju rjali li, wara l-1530, għadda għand il-Gran Mastru ta' Malta.

F'din is-serje ser naraw ukoll il-bidu tal-Knisja ta' Kerċem u dik ta' Santa Luċija. 'Il quddiem nitkellmu wkoll fuq il-Knisja ta' Santa Katerina tal-Qabbieża u dik ta' San Raflu fl-inħawi ta' San Raflu, u fuq l-ewwel visti pastorali qabel ma' Għawdex sar Djoċesi.

L-ewwel knisja li kienet teżisti f'Kerċem kienet magħrufa bħala dik ta' benefiċċju msejjaħ "Ta' Għar Gerduf", jew "Ta' Gerduf", jew "Tal-Ħawt" jew "Is-Saqqajja" jew "Lunzjata tas-Saqqajja". Din il-knisja kienet tinsab fil-ġnien tal-Gran Mastru jew, qabel l-1530, tar-Re ta' Sqallija, imsejjaħ "Tas-Saqqajja".[1] Barra din il-Knisja ddedikata lill-Madonna, tissemma wkoll fl-istess lokal Knisja msejħa "Sant' Anton tas-Saqqajja". Din il-Knisja kienet magħrufa wkoll bħala "Sant' Anton ta' Ġermin.[2] L-assimilazzjoni tal-Lunzjata ma' Għar Gerduf hija fil-fatt vverifikata minn dokument tat-22 ta' April, 1577, tan-Nutar Ferdinandu Ciappara li jgħid hekk: *tal gherduf, beneficium in contrata di la annuntiata*.[3] Għerduf insibuh miktub f'postijiet oħra bħala "Għarduf", "Għar Gerduf", u "Għar Garduf". Mill-banda l-oħra, l-assimilazzjoni ta' Tal-Ħawt ma' Għar Garduf tmur lura għas-sena 1651 meta Rettur tal-benefiċċju kien Dun Indrì Grima (ara 'l quddiem).[4]

Dan il-benefiċċju twaqqaf minn Donna Sibilja de Ulmella ta' Aragona, ħabiba tar-Re Federiku III ta' Sqallija, flimkiem ma' oħtha Margerita. Hija mietet fl-1372, u peress li mietet bla wild leġittimu, il-proprjetà għaddiet f'idejn ir-Re; u meta Malta u Għawdex ngħataw lill-Ordni ta' San Ġwann fl-1530, dan il-benefiċċju bħala proprjetà għadda għand il-Gran Mastru ta' Malta. Fl-1575, l-Isqof Dusina jiddeskrivi dan il-benefiċċju bħala knisja ddedikata lill-Marija Annunzjata mibnija f'ġo ġnien li kien jappartjieni lill-Gran Mastru ta' Malta, f'post imsejjaħ "Is-Saqqaja". Fi żmien il-Franċiżi f'Malta, nofs id-dħul ta' dan il-benefiċċju kien imur għall-isptar t'Għawdex, u fi żmien l-Ingliżi, fl-1890, dan il-benefiċċju għadda għas-Seminarju ta' Malta.[5]

L-ewwel persuna li nafu li ngħata l-benefiċċju msejjaħ "**Annunzjata tas-Saqqajja**" kien il-Malti **Dun Tumas Azir**, u huwa nħatar Rettur, u għalhekk tal-Knisja, ta' dan il-benefiċċju mill-Viċi-Re ta' Sqallija fl-**1347**.[6]

Iżda l-ewwel darba li dan il-benefiċċju niltaqgħu miegħu f'kitba antika huwa fit-12 ta' Novembru, **1372**, bħala *beneficium in Insola Gaudisii*.[7] F'dik is-sena miet **Dun Pietru de la Barba**, Rettur tal-istess benefiċċju. Wara mewtu, Litterju de la Barba għamel kawża kontra Ġakbu de Peregrino li, bħala Kaptan tal-Università ta' Għawdex, kiseb artijiet minn ta' zijuh f'Għawdex bi prezz baxx. Fl-20 ta' Awwissu, 1373, digriet minn Messina ordna li dik il-proprjetà tiġi kkonfiskata u mogħtija lura lil Litterju de la Barba.[8]

1 V. Borg (2008), 341; V. Borg (2009), 602, n.4.
2 V. Borg (2008), 344 u 575. Ma nafx jekkx dan kien Sant Anton Abbati jew Sant' Antnin, u lanqas jekk hemmx konnessjoni bejn pittura antika li hemm f'il-Knisja tal-Lunzjata ma' Sant' Antnin.
3 G. Wettinger (2000), *s.v.* "Gerduf, ta'". Skont il-Professur Godfrey Wettinger, dan il-laqam jew kunjom ma kienx Għarbi.
4 V.Borg (2015), 405.
5 V. Borg (2008), 348.
6 Pirri, 928, ikkwotat minn V. Borg (2008), 73.
7 G. Wettinger (2000), *s.v.* "Saqqajja, is-".
8 V. Borg (2008), 73.



Wara Dun Pietru de la Barba kien hemm Rettur ta' dan il-benefiċċju **Dun Bartilmew de Axiaq** kif naraw minn dan li ġej:

*Scriptum est venerabilj \magistro/ cappellano suae cappellae consiliario vel ejus in curia locumtenentj familiaribus et devotis suis etc. Pro praesbitero Bartholomeo de Aschac de Miliveto cappellano regio de concessione sibj facta de quodam beneficio vocato La Saccaya sito et posito in Jnsula Gaudisij quod in manibus curiae vacat ob mortem quondam praesbiteri Petrj de Barba ad collacionem regiam pleno Jure spectant cum Juribus, obvencionibus, racionibus et proventibus ad Jpsum beneficium spectantibus in tota scilicet vita sua et quod de Jnduccione possessionis Jpsius faciat quatuor quaternos consimiles in forma curiae etc. Datum etc.*[9]

"Inkiteb lill-Venerabbli Sinjur Kappillan, kunsillier tal-kappella tiegħu, jew lill-familjarji u d-devoti tiegħu tal-logutenent tiegħu fil-Qorti u l-bqija. Lis-Saċerdot Bartilmew de Axiaq, Kappillan Irjali minn Malta, dwar Konċessjoni magħmula lilu dwar ċertu benefiċċju msejjaħ "Is-Saqqajja" li tinsab u qegħda fil-Gżira ta' Għawdex li qegħda f'idejn il-Qorti. Ġiet vakata minħabba l-mewt tal-mibki saċerdot Pietru de Barba. (Il-possessjonijiet) jgħajtu b'kull dritt lill-kollazzjoni rjali bid-drittijiet, dħul, kontijiet u frott li jikkonċernaw lill-benefiċċju nnifsu, jiġifieri, tul ħajtu kollha, u li għandu jagħmel erba' kwaterni simili fil-forma għall-Qorti ta' meta ngħata l-possessjoni nnifisha, u l-bqija. Magħmul, u l-bqija".[10]

Fl-1366, il-Kanonku Dun Bartilmew Axiaq kien Vigarju Ġenerali tal-Isqof Ilarju Corrado, kif ukoll il-Vigarju Kapitulari meta s-Sede kienet vakanti fl-1371. Inħatar il-Kantur tal-Katidral fl-1372. Kien ukoll il-prokuratur li jara kif jitqassam il-wirt tas-saċerdoti mejta. Ir-Re Federiku III (1355-1377) tah it-titlu ta' "Kappillan Irjali" u wieħed mill-"Kamriera Rjali". Għal diversi snin tħabat biex jakkwista mir-Re l-fakultà għall-Kanonċi li jirtu l-isqfijiet mejta, ħaġa li akkwista fl-10 ta' Awwissu, 1375. Huwa dam Vigarju Ġenerali sal-1373, u miet fl-1390.[11]

Jidher li f'dik l-istess sena, tal-1372, ir-Re Federiku ta' Aragona żar Malta u Għawdex biex jara l-ħsara li Ġenova kienet għamlet lil Malta sena qabel taħt Tumas Murchio meta dan pattiha lill-kursari Maltin li kienu attakkaw xini tiegħu. Kif kien hawn, żar il-Knisja tal-Lunzjata u ħatar lil Dun Bartilmew Axiaq Rettur tagħha.[12]

Irid jingħad li skont digriet li kien ħareġ f'Messina fil-11 ta' Novembru, 1373, isem Dun Bartilmew Axiaq tħawwad ma' dak ta' Dun Tumas Axiaq, kif jidher f'dan li ġej:

*Eodem, Jbidem.*

*Pro praesbitero Thomeo Axac de Meliveto.*

*Scriptum est per patentes licteras secretis et magistris procuratoribus Jnsulae Gaudisij tam praesentibus quam futuris fidelibus suis etc. Pro parte praesbiterj Thomaej Axac de Meliveto cappillanj, familiaris et devotj nostrj fuit maiestatj nostrae humiliter supplicatum ut cum Jpse excellenciae curiae nostrae sit adeptus et teneat quoddam beneficium vocatum La Saccaya situm et positum in dicta Jnsola Gaudisij cum Juribus, racionibus et proventibus omnibus ad Jpsum beneficium spectantibus vacantem propter obitum quondam praesbiterj Perj de la Barba quj vita sibj comite dictum beneficium ex collacione curiae nostrae tenebat et ad dictam collacionem pleno Jure spectantem dictusque praesbiter Thomaeus Jn Jpsius beneficij po[ssessio]*

*nem per religiosum virum fratrem Nicolaum de*

9 S. Fiorini ed. (1999), 46.

10 It-traduzzjonijiet li jidhru f'dan l-artiklu huma tal-awtur.
11 V. Borg (2008), 72-73.
12 Kilin (2000), 63 (bla sorsi).

*Panormo ordinis minorum tenentem locum Jn curia venerabilis magistrj cappellanj cappellae nostrae familiarem et fidelem nostrum ad alias nostras licteras dicto magistro cappillano seu ejus locumtenentj proinde directas vicesimo octavo mensis aprilis proximo praeteritae undecimae Jndiccionis Jnductus extiterit ac tam dictus praesbiter Peri dum tenuit beneficium Jpsum quam praecessores Jpsius qui pro tempore assum[pse]runt*[13] *certam pecuniae et rerum quantitatem racione dictj beneficij ex proventibus dictae Jnsolae annis singulis recipere consueverint et habere sibj praedictam pecuniam et res alias de pecunia proventuum dictae insolae tribuj et solvj mandare nostra serenitas dignaretur cujusmodj supplicacionem benigne admissa[m].*[14] *Quia quod dictus praesbiter Thomaeus Jn po[ssessio]nem dictj beneficij per eumdem fratrem Be. Nicolaum provid. Faciens loco dictj magistrj capellanj quj praesbiter fuit Jnductus per tenorem duorum ex quatuor quaternis consimilibus per eumdem fratrem Nicolaum proinde factis missorum proinde unius videlicet nobilj regnj Siciliae cancellario et alterius nobilibus eiusdem regnj magistris racionalibus, consiliarijs, familiaribus et fidelibus nostris qui Jn archivo eiusdem curiae officiorum cancellariae et racionum servantur, eidem curiae nostrae constat, volentes propterea dicto praesbitero Thomaeo pecuniam, res alias eius praecessoribus praedicto beneficio darj consuetis et debitis per vos pro parte nostrae curiae tribuj Jntegraliter [et] solvj; fidelitatj vestrae mandamus quatenus praefato praesbitero Thomaeo vel eius nuncio praesentes vobis licteras ostendentj pecuniam et res alias memoratas praedicto quondam praesbitero Perj et eius praecessoribus anno quolibet darj consuetis et debitis ab anno praesentj duodecimae Jndiccionis Jnclusive Jn antea quolibet anno Jn forma hactenus consueta pro parte nostrae curiae tribuatis recepturj ab eo vel dicto ejus nuncio exinde apodixam suo vel dictj ejus nuncij suj cum sigillo munitam. Praesencium auctoritate licteras post oportunam Jnspeccionem Jpsarum praefato praesbitero Thomae vel ejus nuncio resignetis per eum deinde et vestris successoribus ostendendas. Datum etc.*[15]

"Inkiteb permezz ta' ittra ta' awtorità (mibgħuta) lis-segretarji u maġistrati prokuraturi tal-Gżira ta' Għawdex kemm dawk preżenti u kemm dawk futuri fidili tagħhom. Għall-parti tas-Saċerdot Tumas Axiaq minn Malta, kappillan, familjari u devot tagħna, intalab umilment lill-Majestà tagħna biex, peress li huwa nnifsu akkwista u jżomm għall-Eċċellenti Qorti tagħna ċertu benefiċċju msejjaħ "Is-Saqqajja" li jinsab u qiegħed fl-imsemmija Gżira ta' Għawdex bid-drittijiet, interessi u dħul kollu li jirrigwarda lill-benefiċċju nnifsu, vakat permezz tal-mewt tal-mibki Saċerdot Pietru de la Barba li tul ħajtu żamm l-imsemmi benefiċċju mill-kollazzjoni tal-Qorti Tagħna u għall-imsemmija kollazzjoni li tirrigwarda (lilu) b'kull dritt, u l-imsemmi Saċerdot Tumas ġie introdott fil-pussess tal-benefiċċju nnifsu minn raġel Reliġjuż Fra Nikola minn Palermo tal-Ordni tal-Minuri, Logutenent fil-Kurja tal-Venerabbli Kappillan Majjistru tal-Kappella Tagħna, familjari u fidil lejna permezz ta' ittra oħra Tagħna mibgħuta wara lill-Kappillan Majjistru jew lil-Logutenent tiegħu fit-tmienja u għoxrin (jum) tax-xahar ta' April fis-(sena) ta' wara tal-ħdax-il Indizzjoni, u kemm l-imsemmi Saċerdot Pietru, sakemm żamm il-benefiċċju nnifsu, u kemm il-predeċessuri tiegħu li fi żmienhom ġabru ċerta kwantità ta' flus u affarijiet permezz tal-imsemmi benefiċċju mid-dħul tal-imsemmija gżira kull sena (li) huma mdorrijin li jirċievu u jkollhom għalihom infushom il-ġa msemmija somma u ġid ieħor. Is-Serenità tagħna tħossha denja li tordna din it-talba, aċċettata bi pjaċir, tingħata u titħallas mill-flus tad-dħul tal-imsemmija gżira. Għaliex l-imsemmi Saċerdot Tumas ġie introdott fil-pussess tal-imsemmi benefiċċju mill-istess Fra Nikola minflok l-imsemmi Kappillan Majjistru, liema isem is-saċeredot ġie mehmuż f'tnejn minn erba' kwaterni konsimili magħmula wara, wieħed tabilħaqq lill-Kanċillier tar-Renju Tagħna ta' Sqallija, u ieħor lin-Nobbli Maġistrati Teżorieri, Kunsillieri, Familjari u Fidili Tagħna tal-istess Renju li jservu fl-Arkivju tal-istess Qorti tal-Uffiċċji tal-Kanċellerija u tat-Teżor bi qbil mal-istess Qorti Tagħna, waqt li, barra minn hekk, nixtiequ li l-flus u ġid ieħor jingħata kollu kemm hu u jitħallas għall-parti tal-Qorti Tagħna mill-imsemmi Saċerdot Tumas u l-predeċessuri tiegħu li s-soltu kienu miżmuma li jingħataw lill-imsemmi benefiċċju minnkom. Nordnaw għall-fedeltà tagħkom din l-ittra (mibgħuta) lilkom, kif (nordnaw) lill-ġa msemmi Saċerdot Tumas jew lill-messaġġier tiegħu li juri l-flus u ġid ieħor



13 *assue[ve]runt*, Fiorini
14 *supplicacionem (sic) benigne admissa*, Fiorini.
15 S. Fiorini ed. (1999), 91-92.

imsemmi (mogħti) lill-ġa msemmi mibki Saċerdot Pietru u l-predeċessuri tiegħu li kienu mdorrijin u miżmumin li (jaraw) li jingħataw kull sena minn din is-sena tat-tnax-il Indizzjoni inklussivament lura fil-forma s'issa mdorrijin biha għall-parti tal-Qorti Tagħna li għandha tirċievi minn għandu jew mill-imsemmi messaġġier tiegħu dak li hu dovut minnu bħala prova tiegħu jew tal-imsemmi messaġġier tiegħu protetta bis-siġill. Bl-awtorità ta' dawn preżenti (nordnawlkom) li l-ittra, wara titwila opportuna tal-istess (lejha), tagħtuha lill-ġa msemmi Saċerdot Tumas jew lill-messaġġier tiegħu u mbagħad tiġi murija minnu lis-suċċessuri tagħkom. Mogħti, u l-bqija."

L-istess benefiċċju jerġa' jissemma fil-15 ta' Ottubru, **1398**, fil-Kanċellerija ta' Sirakuża, fejn **Dun Ruġġieru Sagona** kien qed jingħata l-Ġuspatronat ta' **Santa Marija tas-Saqqajja** ta' Għawdex, benefiċċju mwaqqaf, kif ġa għidna, mill-mibkija Sibilja ta' Aragona, maħbuba tar-Re Federiku III (1296-1337):

*Pro praesbitero Rogerio de Sagona*

*Martinus etc. Honesto praesbitero Rogerio Saguna fidelj oratorj nostro graciam etc. Cum beneficium Sanctae Mariae de la Sacaya cum reditibus et Juribus eius situm et positum jn Jnsola nostra Gaudisij fundatum olim per quondam Sibiliam de Aragonia et dotatum per eamdem sub Jure patronatus propter eius Sibiliae mortem absque legitima haerede vacat ad praesens in manibus nostrae curiae cui Sibiliae in dicto beneficio ipsa nostra curia successit et succedere debet vobis, de cuius fide, sufficiencia, legalitate, sciencia et moribus confisi tuisque servicijs consideratis quae per honorem nostrj nominis incessanter nobis praestatis et conferre poteris meliora, praedictum beneficium Sanctae Mariae tamquam ad nostram curiam ut Jus patronatus spectans cum eius Juribus et redditibus universis vestris utilitatibus applicandis ut honestius in Christi servicijs valeatis vestram ducere vitam concedimus et mandamus atque conferimus per vos id in tota vestrj vita regendum, possidendum, augmentandum et utifruendum ut hactenus fuit consuetum, mandantes episcopo, praesbiteris et alijs officialibus dictae Jnsolae quatenus vos praefatum Rogerium in corporalem possessionem dicti beneficij Sanctae Mariae ponant et Jnducant seu ponj et Jnduci faciant et Jnductum manuteneant et favorabiliter defendant, facientes vobis de ipsius beneficij fructibus Jntegre r[espo]nderj. Nos vero per praesentes Jniungimus omnibus officialibus et alijs personis dictae Jnsolae fidelibus nostris quod de fructibus dicti beneficij vobis faciant totaliter r[espo]nderj. Jn cuius rei testimonium praesentes patentes licteras ex Jnde fierj fecimus nostrj magni sigillj in dorso munimine roboratas. Datum Syracusis die xv\o/ octubris vij Jndiccionis Rex Martinus anno dominj m\o/ ccc\o/ xc\o/ viij. Rex Martinus.*

*Dominus rex mandavit mihi Philippo Viperano praesentibus magistris racionalibus.*[16]

"Lis-Saċerdot Ruġġieru de Sagona



Martinu, u l-bqija. Grazzja u l-bqija lis-Saċerdot onest Ruġġieru Saguna, oratur fidil Tagħna. Peress li l-benefiċċju ta' Santa Marija tas-Saqqajja, bid-dħul u d-drittijiet tiegħu, li jinsab u qiegħed fil-Gżira Tagħna ta' Għawdex, imwaqqaf żmien ilu mill-mibkija Sibilja ta' Aragona u ddotat mill-istess bid-dritt ta' Ġuspatronat, minħabba l-mewt tal-istess Sibilja mingħajr eredi liġittima, waqa' fil-preżent f'idejn il-Qorti tagħna, li l-istess Sibilja l-Qorti tagħna nnifisha wirtet fil-benefiċċju nnifsu u jeħtieġ li tiret, wara li tajna l-fiduċja tagħna fil-fidi tiegħek, fis-suffiċċjenza, legalità, għerf u manjieri, u wara li kkunsidrajna s-servizzi tiegħek murija bla waqfien Lilna għall-unur tal-isem Tagħna u li inti għad tista' iġġib għall-aħjar, nikkonċedu u nordnaw lilek li tgawdi tul ħajtek il-ġa msemmi benefiċċju ta' Santa Marija bħallikieku jgħajjat lill-Qorti Tagħna bħala Ġuspatronat, bid-drittijiet u dħul kollu tiegħu biex jiġu applikati għall-użu tiegħek biex tkun tista' (tużahom) b'mod iktar onest fis-servizzi ta' Kristu; u aħna nikkonċedu u nordnaw u nagħtu (dan il-benefiċċju) li jkun immexxi, ippossedut, imkabbar u wżat minnek tul ħajtek kollha kif s'issa kienet id-drawwa, waqt li nordnaw lill-isqof, lis-saċerdoti u uffiċċjali oħra tal-imsemmija gżira li jdaħħlu u jintroduċu lilek, il-ġa msemmi Ruġġieru, fil-pussess fisiku tal-imsemmi benefiċċju ta' Santa Marija, jew li jaraw li (inti) tkun imdaħħal u introdott, li jissapportjawk u jiddefenduk favorabilment, waqt li jaraw li inti

16 S. Fiorini ed. (1999), 290.

tibbenefika kompletament mill-frott tal-benefiċċju nnifsu. Tabilħaqq, aħna nordnaw permezz ta' din (l-ittra) lill-uffiċċjali kollha u persuni oħra tal-imsemmija gżira fidili Lejna li jaraw li inti tibbenefika kompletament mill-frott tal-imsemmi benefiċċju. Bħala xhieda ta' din il-ħaġa, aħna għalhekk għamilna li din l-ittra uffiċċjali tkun imsaħħa fuq wara bis-saħħa tas-siġill kbir Tagħna. Mogħti f'Sirakuża fil-ħmistax-il jum ta' Ottubru, tas-seba' Indizzjoni ir-Re Martinu fis-sena tal-Mulej elf, tliet mija u tmienja u disgħin. Re Martinu.

Is-Sinjur Re ordna lili, Filippu Viperano, b'dawn il-kontijiet maġisterjali."

Il-Kanonku Dun Ruġġieru de Sagona kien minn Għawdex. L-istess Dun Ruġġieru Sagona kien hu wkoll magħruf li waqqaf il-benefiċċju f'Għawdex, dak **Ta' Dawwara** jew **Tal-Gerduf jew Ta' Qlejgħa**: *Giuspatronato ta Dahuuara in contrada Gherduf nei confini del Rabbato del Gozo.*[17] Fil-25 ta' Mejju, 1399, Dun Ruġġieru nħatar "familjari anke tal-kappella rjali tagħna tal-kappillani", u hekk kien eżentat minn kull ġurisdizzjoni u taxxa. Fl-1410, kien Kanonku tal-Katidral, u fit-3 ta' Marzu ta' dik l-istess sena, inħatar Kappillan tal-*Castrum Maris* fil-Birgu.[18]



Xi żmien wara **Dun Ruġġieru Sagona**, kien hemm bħala Rettur tal-istess knisja **l-Kanonku Dun Franġisku Ciappisa** u, warajh, fl-**1472**, il-**Kjerku Ġlormu de Farahone (Tabone)**. F'dik l-istess sena tal-1472, dan il-benefiċċju ta' Santa Marija tas-Saqqajja nsibuh ukoll bħala

**Ta' Santa Marija Annunzjata tas-Saqqajja** wkoll f'dokument li ħareġ minn Palermo fit-18 ta' Novembru, 1472. Il-Viċi-Re jikteb lin-Nutar Indrì de Benjamino, Imħallef fil-Qorti tal-Kaptan ta' Għawdex, biex jordnalu jqiegħed lill-Kjerku Ġlormu de Farahone, bin Pietru, li kien jaħdem fit-Teżor Irjali, bħala dak li kellu jieħu l-Ġuspatronat Irjali ta' Santa Marija Annunzjata tas-Saqqajja f'Għawdex li, kif għidna fuq, kien imwaqqaf minn Sibilja, il-maħbuba tar-Re Federiku III ta' Sqallija. F'dak il-mument, il-persuna li kienet qed tgawdi minn dan il-benefiċċju kien il-Kanonku Għawdxi Dun Franġisku Ciappisa, li kien ma jiflaħx u kien wasal biex imut:

*Pro Jeronimo de farahone.*

*Joannes etc.*

*Vicerex etc.*

*Notario Andreae de Benjamin Judici Curiae Capitanei Terrae Gaudisii regii fideli dilecto salutem.*

*Simo informati comu in quissa terra est unum juspatronatus regalis appellatum Santa Maria Annunciata dila Saccaya constitutu et ordinatu olim per condam Madonnam Sibilia (sic) de Ulmello amasia di condam Re fidericu possessu da presenti per Don Franciscum Chappisa canonicu lu quali e multu decrepitu et infirmu et quasi si presumi essiri di quissa vita passatu et per che lu dictum benefficiu havimo factu gracia et concessioni a Clericu Geronimu di Farahone figlu dilu dictum nobili et dilectu regiu Petru Farahuni de officio Regiae Thesaurariae, per tantu vi dichimu, commectimu et comandamu che, si lu dictum Don Franciscu e passatu di quista vita, tunc et eo casu digiati providiri la possessioni per parti dilu dictum Clericu Geronimu, et si per casu Don Franciscu vivissi si digiati poniri unu capellanu nomine dicti Clerici Geronimi lu quali hagia certa pensioni secundu a vui parra et lu restanti digiati fari consignari alu dictum Don Franciscu durante eius vita et post eius mortem sianu tucti li renditi et proventi dilu dictum jus patronatus dilu dictu Clericu Geronimu lu quali ex nunc pro tunc per la presenti li conferimo la reali et corporali possessioni et deinde per vostri licteri ni certifikiriti de premissis, comandandovi per la presenti alu Secretu di quissa insola, Capitanu et altri regii officiali di quissa terra che in et circa premissa vi digianu hobediri et assistiri ope opera et favoribus oportunis sub poena unciarum centum regio fisco applicandarum et vi digianu fari respundiri di tucti introyti et proventi spectanti et partinenti alu beneficiu predictu.*

*Datum in Urbe Felici Panhormi die XVIII\o/ mensis Novembris VI\e/ Indiccionis M\o/ CCCC\o/ LXXII\o/.*

17 Arkivju tal-Katidral ta' Malta, *Giuliana*, ikkwotat minn V. Borg (2008), 353; ara wkoll 77. Infakkru li fil-viċin ta' da nil-wied hemm triq fir-Rabat imsejħa "Triq id-Dawwara".
18 V. Borg (2008), 77.

*Lop Ximen Durrea.*

*Dominus Vicerex mandavit mihi Antonio Monaco.*[19]

"Għal Ġlormu de Farahone.

Ġwanni, u l-bqija.

Il-Viċi-Re, u l-bqija.

Lin-Nutar Indrì de Benjamino, Imħallef tal-Qorti tal-Kaptan ta' Art Għawdex, lill-maħbub fidil tar-Re, sliem.

Ninsabu informati li f'din l-art hemm ċertu Ġuspatronat Irjali msejjaħ "Santa Marija Annunzjata tas-Saqqajja" mwaqqaf u ordnat żmien ilu mill-mibkija Sinjura Sibilja de Ulmello, maħbuba tal-mibki Re Federiku, ippossedut fil-preżent minn Dun Franġisk Ciappisa, Kanonku, li huwa ħafna magħdur u ma jiflaħx u kważi wieħed jippreżumi li għadda minn din il-ħajja u għalhekk mill-imsemmi benefiċċju għamilna grazzja u konċessjoni lill-Kjerku Ġlormu di Farahone, bin l-imsemmi Nobbli u maħbub tar-Re, Pietru Farahone, mill-Uffiċċju tat-Teżor Irjali. Għalhekk ngħidu, nikkommettu u nikkmandaw li, jekk l-imsemmi Dun Franġisk għadda minn din il-ħajja, dakinhar u f'dak il-każ il-pussess ikun ġa għadda għall-parti tal-imsemmi Kjerku Ġlormu; u jekk fil-każ li Dun Franġisk jgħix, għandu jinħatar ġa Kappillan bl-isem tal-imsemmi Kjerku Ġlormu li jkollu ċerta pensjoni skont ma jidhrilkom u li l-bqija jiġu ġa mogħtija lill-imsemmi Dun Franġisku tul ħajtu u, wara ħajtu, id-dħul u l-frott tal-imsemmi Ġuspatronat ikunu kollha tal-imsemmi Kjerku Ġlormu, li minn issa 'l quddiem fil-preżent nagħtuh il-pussess reali u fiżiku u mbagħad jiġu ċċertifikati dwar li ġa ngħid mill-pulizija tagħkom, waqt li nikkmandaw permezz ta' din (l-ittra) lis-Segretarju ta' din il-gżira, lill-Kaptan u lill-uffiċċjali oħra rjali ta' din l-art li huma mistennija jobdu u jassistu f'dawn u fuq il-ġa msemmija affarijiet bl-għajnuna, ħidma u favuri opportuni taħt piena ta' mitt uqija li għandhom jingħataw lit-Teżorier Irjali u li għandhom jaraw li jkun hemm kont tad-dħul u l-frott kollu li jispetta u jappartjeni lill-ġa msemmi benefiċċju.



Mogħti fil-Belt Feliċi ta' Palermo fit-tmintax(-il jum) tax-xahar ta' Novembru, tas-sitt Indizzjoni tal-1472.

Lop Xmun Durrea

Is-Sinjur Viċi-Re qabbad lili, Antonju Monaco."

**Horatio Caesar Roger Vella* huwa Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta.*

## Riferenzi

Borg, V. 2008. *Melita sacra I. The Maltese Diocese and the Sicilian environment from the Norman Period till 1500 A.D.* Malta, P.E.G. Ltd.

Borg, V. 2015. *Melita sacra III. The Maltese Diocese during the seventeenth century*. Malta, Gutenberg Press Ltd.

Fiorini, S. ed. 1999. *Documentary sources of Maltese history. Part II. Documents in the State Archives, Palermo. No. 1. Cancelleria Regia: 1259-1400.* Malta, Malta University Press.

Fiorini, S. ed. 2007. *Documentary sources of Maltese history. Part II. Documents in the State Archives, Palermo. No. 3. Cancelleria Regia: 1460-1485.* Malta, Malta University Press.

Kilin (2000). *A hundred wayside chapels of Malta and Gozo*. Malta, Heritage Books.

Pirri, R. 1641. *Notitiae Siciliensium ecclesiarum.* Palermo.

Wettinger, G. 2000. *Place-names of the Maltese Islands. Ca. 1300-1800.* Malta, Publishers Enterprises Group(PEG) Ltd.

19 S. Fiorini ed. (2007), 210-211.